MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 2306/1998/2

**Annabel *sive* Annabelle Grixti f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri Kaya Estelle Grixti**

**vs**

**Peter Paul Grixti**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 9 ta' Novembru 1998 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu bir-Registru fit-23 t'Awissu 1995 (Dok. "A") u precedentement ghal dan iz-zwieg kellhom tarbija fl-20 ta' Gunju 1995 (Dok. "B") li jisimha Kaya Estelle Grixti.

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati ta’ sevizzji, minaccji, eccessi u ngurji gravi fil-konfront kemm ta’ l-attrici nnifisha kif ukoll fil-konfront tat-tarbija minuri Kaya Estelle Grixti kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u peress ukoll li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

Illi l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, biex tkun tista’ tipprocedi b’din il-kawza (Dok “C”).

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet attribwibbli lill-konvenut u senjatament sevizzji, minaccji, eccessi u ngurji gravi versu l-attrici u bintha minuri Kaya Estelle Grixti, u *in subsidium*, ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

2. Tafda l-kura u kustodja tat-tarbija Kaya Estelle Grixti minuri f’idejn l-attrici esklussivament;

3. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attrici ghaliha u ghall-imsemmija minuri Kaya Estelle Grixti dik ir-retta alimentarja li tigi ffissata minn din il-Qorti;

4. Tippronunzja x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, u tordna d-divizjoni u assenjazzjoni tas-sustanzi taghha bejn il-kontendenti bl-applikazzjoni kontra l-konvenut ta’ l-**artikoli 48, 51 u 52 tal-Kodici Civili** kontra l-konvenut.

5. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn dawk id-drittijiet tieghu kif kontemplat fl-**artikoli 48, 51 u 52**, jew liema minnhom, tal-**Kodici Civili.**

Bl-ispejjez – komprizi dawk kollha ta’ quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili – kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 12 tal-process;

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 22 ta’ Dicembru 1998 fejn ghamel referenza ghal rikors iehor pprezentat separatament dwar l-affidament ta’ bint il-partijiet, u talab li l-istess rikors jinstema’ bl-urgenza. (Ir-rikors in kwistjoni gie degretat fl-24 ta’ Lulju 2000 – ara kopja ta’ digriet esebita bhala Dok “A” mar-rikors ta’ l-4 ta’ Marzu 2002).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-16 ta’ Lulju 1999 a fol. 19 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-ewwel talba attrici ghandha tigi respinta *in parte* in kwantu li assolutament mhux minnu li l-konvenut irrenda ruhu hati ta’ sevizzji, minaccji, eccessi, swat u ngurji gravi fil-konfront ta’ l-attrici u ta’ binthom Kaya Estelle;

2. Illi t-tieni talba ghandha tigi respinta *stante* li mhuwiex fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-minuri Kaya Estelle tigi fdata esklussivament lill-attrici, ghaliex din la hija kapaci li thares l-interessi ta’ l-imsemmija minuri bl-aktar mod sodisfacenti, u lanqas ma ghandha l-interess li taghmel hekk, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi t-tielet talba attrici ghandha wkoll tigi respinta minhabba li l-attrici hija kapaci tahdem;

4. Illi r-raba’ talba attrici ghandha wkoll tigi respinta *in parte* kwantu li d-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48, 51 u 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** ghandhom jigu applikati fil-konfront ta’ l-attrici u mhux tal-konvenut, u dan ghar-ragunijiet li jirrizultaw ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi l-hames talba attrici ghandha tigi respinta *stante* li assolutament mhux minnu li l-konvenut naqas b’xi mod u ddekada mid-drittijiet tieghu kif kontemplat fl-**artikoli 48, 51 u 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

6. Illi *inoltre* l-fatti li taw lok ghall-eccezzjonijiet fuq sollevati, jaghtu lok ukoll ghall-kontro-talba li qieghda tigi pprezentata kontestwalment;

7. Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 20 u 21 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenut** a fol. 22 u 23 tal-process fejn gie premess:-

Illi huwa zzewweg lill-attrici rikonvenuta bir-Registru fit-23 t'Awissu 1995, u fl-20 ta' Gunju 1995 huma kellhom tarbija Kaya Estelle;

Illi l-attrici rikonvenuta rrendiet ruhha hatja ta' abbandun, adulterju u ngurja gravi fil-konfront tal-konvenut u ta' bintu Kaya Estelle, b'dan illi z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi *inoltre* l-attrici rikonvenuta rrendiet ruhha hatja ta' adulterju u abbandun fil-konfront tal-konvenut.

Illi l-istess konvenut talab lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba adulterju, abbandun u ngurji gravi fil-konfront tal-konvenut u anke tal-minuri Kaya Estelle, kif ukoll *stante* li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Kaya Estelle esklussivament f'idejn il-konvenut;

3. Tippronunzja x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, u tordna d-divizjoni u assenjazzjoni ta' l-assi taghha bejn il-kontendenti bl-applikazzjoni kontra l-attrici rikonvenuta ta' l-**artikoli 48, 51 u 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

4. Tiddikjara li l-attrici rikonvenuta ddekadiet minn dawk id-drittijiet kif kontemplat fl-**artikoli 48, 51 u 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, kontra l-attrici rikonvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista ta' xhieda a fol. 23 u 24 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' l-attrici rikonvenzjonata tad-29 ta' Lulju 1999 a fol. 26 fejn gie eccepit:-

1. Illi hija ma topponix li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, izda dan irid isir fuq il-kawzali u premessi li hemm fic-citazzjoni taghha u mhux ghar-ragunijiet kontenuti fil-kontro-talba, billi dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi l-addebiti kontenuti fil-kontro-talba huma fittizji u nfondati u ghalhekk it-talbiet kollha bazati fuqhom ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

3. Illi s-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, wara deliberazzjoni twila u wara li hatret diversi esperti kienet fdat lill-minuri f'idejn l-eccipjenti bi dritt ta' access biss favur il-konvenut u ma hemmx lok li dan l-*istato quo* jigi disturbat.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attrici rikonvenzjonata a fol. 26 u 27 tal-process.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 22 ta' Dicembru 1998, ir-rikors tal-konvenut datat 5 ta' Lulju 1999, ir-rikors tal-konvenut datat 7 ta' Lulju 1999, ir-rikors ta' l-attrici datata 8 ta' Lulju 1998, u r-rikors tal-konvenut datat 25 ta' Gunju 1999, u d-Digriet ta' din il-Qorti datat 24 ta' Lulju 2000 b'dan li d-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili gie kkonfermat.

Rat ir-rapport ta’ Dr. Monica Xuereb ipprezentat fil-21 ta’ Gunju 2000 – ipprezentat fil-kawza l-ohra Cit. Nru. 2306/98 RCP (M1).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fit-28 ta’ Gunju 1999; tal-25 t’Ottubru 1999 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Greta Mifsud Agius bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi; u tat-22 ta’ Marzu 2000.

Rat in-noti ta’ l-attrici, wahda datata 6 t’April 2000 li permezz taghha esebiet l-affidavit ta’ **Edwin Sammut**, ziju ta’ l-attrici; ohra tat-18 ta’ Mejju 2000 li biha pprezentat l-affidavits ta’ **Dolores *sive* Doreen Sammut,** omm l-attrici u ta’ **Victor Herbert Sammut,** missier l-attrici u dik tal-20 ta’ Gunju 2000 fejn esebiet l-affidavit ta’ **Josephine Bezzina,** in-nanna ta’ l-attrici.

Rat in-nota tal-konvenut tas-17 ta’ Lulju 2000 li permezz taghha esebixxa fir-Registru kopja ta’ *fax* fejn ressaq il-proposta tieghu limitatament ghall-kura u kustodja, u l-access ghall-minuri Kaya Estelle Grixti li taghha ma rcieva l-ebda risposta, minkejja li l-istess *fax* intbaghtet biss wara li saret diskussjoni mill-avukati tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-16 t’Ottubru 2000 quddiem l-istess Qorti diversament presjeduta.

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-15 ta’ Dicembru 2000 fejn talab li l-access tieghu mal-minuri Kaya Estelle jigi estiz ghal tliet ijiem fil-perjodu tal-Milied.

Rat il-verbali tat-13 ta’ Frar 2001; tat-18 ta’ Settembru 2001; u tad-19 ta’ Novembru 2001 quddiem l-istess Qorti diversament presjeduta.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 4 ta’ Marzu 2002 fejn talbet li fit-tliet ijiem ta’ l-okkazjoni ta’ l-Ewwel Tqarbina tal-minuri Kaya Estelle zzomm lit-tifla maghha minkejja li suppost ikollu access ghaliha l-konvenut.

Rat il-verbali ta’ l-10 t’April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta; tat-3 t’Ottubru 2002 fejn Dr. Veronica Galea Debono ghall-attrici ddikjarat li m’ghandhiex provi aktar. Inghata digriet affidavit tal-konvenut b’terminu ta’ tletin (30) gurnata u l-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju tiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni provi tal-konvenut.

Rat ir-rikors ta’ l-Assistent Gudizzjarju Dr. Greta Mifsud Agius datat 9 t’Ottubru 2002 fejn infurmat lill-Qorti li l-impjieg taghha bhala Assistent Gudizzjarju gie terminat u ghaldaqstant talbet id-direzzjoni tal-Qorti.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti fejn filwaqt li rrevokat l-inkarigu ta’ l-istess, innominat lill-istess Dr. Greta Mifsud Agius bhala Perit Legali a spejjez provizorjament attrici.

Rat il-verbali tas-seduti tas-6 ta’ Marzu 2003; tat-8 ta’ Mejju 2003; tas-17 ta’ Gunju 2003; tal-24 ta’ Gunju 2003 fejn il-Perit Legali Dr. Greta Mifsud Agius ikkonfermat ir-rapport taghha bil-gurament; tas-6 ta’ Novembru 2003 fejn Dr. Veronica Galea Debono ghall-attrici filwaqt li rrimettiet ruhha ghar-rapport, iddikjarat li l-oggetti tad-deheb gew konsenjati lill-attrici, u fl-interess tal-minuri ssuggeriet li ma jigux nominati aktar *Social Workers* f’dan il-kaz. Il-konvenut imsejjah diversi drabi baqa’ ma deherx, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2004.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali, il-verbali tas-seduti minnha mizmuma, inkluz ix-xhieda kollha quddiemha prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistenta Gudizzjarja datati 3 ta’ Frar 2000, 15 ta’ Marzu 2000, 21 ta’ Marzu 2000, 20 ta’ Gunju 2000, 23 ta’ Novembru 2000 fejn dejjem xehdet l-attrici, 16 ta’ Ottubru 2001 fejn l-attrici xehdet in kontro-ezami, u ta’ l-1 ta’ Novembru 2001 u l-10 ta’ Dicembru 2002 fejn ma sar xejn.

Rat l-affidavit ta’ Peter Paul Grixti datat 16 ta’ Ottubru 2001.

Rat id-dokumenti kollha esebiti inkluz dak tar-rapport ta' Roberta Attard datat 12 ta' Frar 1998, u dak ta' Dr. Victor Shields datat 12 ta' Gunju 1998.

Rat l-atti kollha pprezentati fid-diversi rikorsi tal-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attrici** tispjega illi hi kienet iltaqghet mar-ragel taghha meta kellha sbatax-il sena u hu kellu tletin sena. Meta kellha tmintax-il sena, tistqarr illi hija kienet harget tqila, u xahrejn wara li twieldet it-tifla Kaya Estelle zzewgu. Dan kien fit-23 t'Awissu 1995.

Illi l-attrici tispjega illi z-zwieg taghhom gie celebrat b'mod civili biss. Ma kienux ghamlu *reception* wara, u lanqas ma kienu marru *honeymoon*. Hija kienet tahdem bhala *front desk cashier* fil-New Dolmen Hotel, Bugibba u wara li zzewgu kienet baqghet tahdem ghal sitt xhur. Tghid li kienet taqla' madwar Lm222 fix-xahar.

Illi l-attrici tispjega illi hi kienet waqfet tahdem fl-20 ta' Mejju 1995 u kellha tliet xhur *maternity leave*. Regghet bdiet tahdem f'Ottubru 1995 sa' Marzu 1996. Hija tispjega li l-konvenut qabel iz-zwieg kien jahdem bhala *sprayer* u kompla jaghmel dan ix-xoghol anke wara li zzewgu. Pero' ma kienx jahdem regolarment, ghaliex kien jiddependi mix-xoghol ladarba kellu l-garaxx tieghu.

Illi fl-1996, il-konvenut mar jahdem il-pixxina fl-Imsida, u mbaghad fl-ahhar sena li damu flimkien il-konvenut kien beda jimporta xi *sprays* tal-karozzi minn barra. Kien sadanittant waqaf jahdem bhala *sprayer* u beda minflok jahdem mal-NCA, Hal Ferh.

Illi l-attrici tispjega illi l-konvenut qatt ma kien jaghtiha sodisfazzjon ta’ kemm kellu paga u jekk kienx jiddepozithom jew le l-Bank. Jekk xi drabi kienet issaqsih x’kien jaqla’, gieli kien jghidilha u gieli le. L-attrici tispjega illi meta zzewgu marru joqoghdu go appartament li kien kera l-konvenut f’Tas-Sliema. Qatt ma xtraw il-post taghhom. Hija tiddikjara illi hi kienet xtrat xi oggetti qabel iz-zwieg u dawn kienu jikkonsistu f’*washing machine*, *tumble dryer*, *heater*, *cooker*, *television* u *gyzer*. Dawn l-oggetti xtrathom bis-somma ta’ Lm4,067 li kellha l-Bank.

Illi l-attrici tghid ukoll li qabel ma zzewget kellha vettura Daihatsu Charade. In sostenn ta’ dawn il-pagamenti l-attrici esebiet diversi dokumenti li huma mmarkati bhala Dok “AG1” – “AG2”.

Illi hija identifika x’inhuma l-problemi fiz-zwieg taghhom, u cjoe’:-

(a) L-ewwel problema kbira li kellhom kien li kellhom nuqqas ta’ komunikazzjoni u dan malli zzewgu, billi ma baqghux johorgu u l-konvenut kien ikun jew il-garaxx jew id-dar jara l-*films* pornografici.

(b) Illi problema ohra kienet li mill-gurnata tat-tieg taghhom qatt ma kkunsmaw iz-zwieg. Kull meta l-attrici kienet tipprova tiehu inizjattiva, il-konvenut kien jghidilha li jew kien ghajjien jew ma kellux aptit.

(c) Il-flus kienu problema ohra. Il-konvenut qatt ma kien jaghtiha flus ghall-hajja hlief Lm2. Kien ghalhekk li hi riedet tibqa’ tahdem, izda l-konvenut kien riedha tieqaf minhabba xi stejjer li kien sema’ fuqha minghand tfajla anonima. Il-post fejn kienu jghixu kien ukoll problema. L-attrici tispjega illi hi riedet titlaq minn dan il-post ghaliex kien umdu, bla twieqi, kien hemm ukoll il-grieden. Il-post kien ikkundannat ukoll minhabba li ma kellux *ventilation*. L-attrici tispjega illi kienu applikaw il-Housing izda l-konvenut m’ghamel xejn sabiex jipprova jistinka ha jiehdu post.

Illi minhabba c-cirkostanzi kif qed jghixu, it-tifla minuri kellha xi problemi ghaliex beda jaqaghlha xagharha u dan skond it-tabib minhabba nuqqas ta' vitamini. L-attrici bdiet terga' tbaghti mill-*asthma*.

Illi l-attrici tispjega illi hi u l-konvenut damu flimkien ghal sentejn u nofs. Tul dan iz-zmien ma kienx ihalliha titkellem mal-genituri taghha u kien biss fl-ahhar li ceda, izda kellu l-iskop li jgieghlha titlobhom ghajnuna finanzjarja.

Ghall-habta tal-Milied tal-1997, il-konvenut kien qal lill-attici li kien sab post Ghawdex, izda hi ma xtaqitx tmur. Tant hu hekk li spiccaw li kellhom xi jghidu. Illi l-attrici tispjega illi l-konvenut kien kecciha mid-dar u dan kien meta darba bil-lejl kellhom xi jghidu. It-tifla ma riditx torqod u l-konvenut ried ikollu x'jaqsam ma' l-attrici. Kien heddidha li kien ser iqattaghha f'bicciet. Dak il-lejl stess, il-konvenut ha lill-attrici d-dar tal-genituri taghha u zamm it-tifla.

Illi l-attrici tispjega illi minn dakinhar hi kienet telqet mid-dar konjugali u damet xahar shih sakemm regghet rat lil bintha ghaliex il-konvenut ma kienx qed jurihielha.

Illi sadanittant kienet harget *care order* u t-tifla ntbaghtet il-Creche f'Tas-Sliema ghal tliet xhur shah. L-attrici tispjega li tul it-tliet xhur kienet tmur tara lit-tifla minuri kuljum. Sussegwentement, il-Qorti ordnat li l-kura u kustodja tal-minuri tkun wahda konguntiva.

Illi l-attrici tiddikjara illi skond id-digriet tal-Qorti hi ghandha l-kura u kustodja tal-minuri mill-Hadd fil-11:00 a.m. sal-Gimgha sas-6:00 p.m., filwaqt li l-konvenut ghandu l-kura u kustodja mill-Gimgha fis-6:00 p.m. sal-Hadd sal-11:00 a.m. Id-digriet ghadu hekk sa llum minkejja li f'okkazjoni l-konvenut qabad u zamm lit-tifla u allega li l-attrici ssawwatha.

Illi bhala manteniment, l-attrici tispjega li l-Qorti kienet ordnat lill-konvenut ihallas Lm20 fil-gimgha ghaliha u Lm20 fil-gimgha ghat-tifla, li b'kollox jaghmlu total ta'

Lm160 fix-xahar. F'dan iz-zmien, l-attrici tispjega illi l-konvenut kien jahdem mal-"NCA" Hal Ferh u l-ewwel cekk hareg minn hemm, izda mbaghad kien irrizenja mix-xoghol. Ghalhekk l-uniku cekk li rceviet kien f'Awissu 1998 u wara sena u erba' xhur rceviet il-manteniment ghat-tifla u cjoe' tliet cekkijiet ta' Lm80 l-wiehed bejn Dicembru 1999 sa Frar 2000.

Illi l-attrici tispjega wkoll illi kienet telqet mid-dar, ghaliex kien kecciha l-konvenut. Hi kienet halliet l-affarijiet taghha hemm. Apparti l-oggetti personali bhal hwejjeg u oggetti simili, kienet halliet ukoll oggetti tad-deheb, li hafna minnhom kienu rigali tat-tifla. Il-lista hija esebita bhala Dok "AG". Hija tispjega r-relazzjoni taghha mat-tifla u tghid li huma *close* hafna. Pero' meta t-tifla tirritorna lura ghandha wara li tkun ma' missierha tkun rispostuza hafna.

Illi l-attrici tispjega illi l-minuri taghtiha hafna problemi. Ghamlet zmien tqum bil-lejl ghaliex missierha kien ibezzaghha li kien hemm dudu fis-sodda. Imbaghad ghaddiet minn fazi fejn kienet taghmel pipi tahtha ghaliex missierha kien jghidilha taghmel hekk. Kellha wkoll *paranoia* li missierha kien qed jaraha mit-toqob tal-hajt, minkejja, li ma kienx hemm dawn it-toqob. L-attrici tispjega wkoll illi l-minuri tghidilha li missierha jghidilha biex ma thobbhiex u li hi ma kellhiex tbusha ghax inkella jitilghulha l-ponot. Tghid ukoll illi fuq ordni tal-Imhallef Ray Pace hi qed tiehu lit-tifla ghand psikologa Dr. Monica Xuereb.

Illi l-attrici tistqarr illi l-konvenut ma jgibx ruhu sew mat-tifla. Il-Karnival kien wieghdha li jlibbisha ta' Dalmation izda dan m'ghamlux. Fil-Milied kien wieghdha li ser jixtrilha rigal, izda mbaghad qalilha li ma kellux flus u kien ser jaghtiha rigal aktar tard. Tispjega wkoll illi l-konvenut hafna drabi jaghmel xenati quddiem it-tifla u darba fis-sajf kienet tatu s-*sun block* ghat-tifla u kien waddab l-istess *sun block* ma' l-art. Kien hemm darba meta kien qata' x-xaghar tat-tifla qasir u hi ghaddiet minn trauma ghaliex kulhadd beda jghajtilha *boy*.

Illi skond l-attrici l-konvenut mhux qed isegwi d-digrieti ta' manteniment u fuq l-access tat-tifla. Fil-fatt l-attrici tghid li ilha ma tircievi manteniment minn Frar 2001. Hija tispjega illi hi tinstab inkwetata ghall-minuri ghax din qed tigi mghawwija minn missierha. Fil-fatt it-tifla theddidha li missierha lest jispicca l-habs, izda qabel irid joqtollha lil ommha u lil missierha. It-tifla ukoll marret tghid dan id-diskors lit-*teacher* u lill-*Headmistress*. It-tifla wkoll tuza' kliem bhal *"demel"* u *"zibel"*.

Illi l-attrici tispjega wkoll illi meta t-tifla tigi lura minghand missierha jkollha riha ta' pipi u sigaretti, tant li jkollha tatiha banju mmedjatament.

Illi l-istess attrici in kontro-ezami tistqarr li t-twelid tat-tifla kien kollu accidentali. Hija tispjega li fil-bidu tar-relazzjoni taghhom, kienu jaqblu u l-konvenut kien jittrattaha tajjeb. Kienu ta' kull nhar ta' Hadd imorru *off-roading* u xi darbtejn ghenitu jorganizza kompetizzjonijiet u *treasure hunts*, sabiex jiccelebraw gieli kienu johorgu jieklu. *Camping* kienu jmorru darba fis-sena.

Illi meta zzewgu, l-attrici tispjega illi l-konvenut ma kienx irid johrog u kienu dejjem id-dar u jekk kien johrog jiekol wara t-*treasure hunts*, kien johrog wahdu. Hija tispjega illi meta harget tqila, kienet telqet mid-dar tal-genituri taghha bil-mohbi ghax kienet tibza' minnhom. Hi tghid li ghall-bidu r-relazzjonijiet taghhom kienu tajba, izda mbaghad il-konvenut kien igieghla taqta' t-*telephone* lil ommha kull meta kienet iccemplilha u kien jghidilha biex ma ccemplilhiex.

Illi hija tghid li meta telqet mid-dar hi u l-konvenut kienu joqoghdu go *caravan* f'Bahar ic-Caghaq u damu hemm minn Mejju 1997 sa' Settembru 1997. Hija tghid li lanqas kienu johorgu minn hemm. Il-hrug taghhom ma kienx ta' koppja mizzewga. Il-konvenut kien johrog wahdu ma' shabu. Il-hajja taghhom kienet monotona. L-attrici tistqarr illi meta marret toqghod mal-konvenut kellha tiehu l-hwejjeg taghha u anke d-deheb, u sahansitra anke l-imhadda taghha hadet. Wara z-zwieg, l-attrici tispjega illi hi kellha kont personali li kien infetah qabel iz-zwieg.

Kellhom ukoll *joint account* u tghid li ma tafx jekk il-konvenut kellux kont personali.

Hija tispjega pero’ illi wara li telqet mid-dar, il-konvenut kien talabha l-*quick cash* u l-*pin number* tal-kont. Tghid illi hija kienet tiehu hsieb tiddepozita u ssarraf il-flus ghaliex il-konvenut ma kienx jaf juza’ l-ATM. Il-konvenut kien jaghtiha parti mill-paga tieghu, li kienet tiddepozita sabiex jithallas l-*overdraft*. Il-flus ma kienux jintuzaw ghall-hajja. Hija tichad li qatt sawtet lit-tifla jew li din giet imsawta mill-*boyfriend* li kellha. Tichad ukoll illi qatt dahlet id-dar xurbana u sawtet lit-tifla.

Illi l-attrici tiddikjara illi hi ma tahdimx, izda taghmel xoghol volontarju mal-German Circle li taghha hija membru. Illi dwar ir-relazzjoni bejn it-tifla u missierha, l-attrici tghid illi jekk huma *close*, huwa minhabba li l-minuri tibza’ minn missierha u ghaliex jghawwiha, madankollu l-attrici tghid li hi qatt ma qalet xejn lit-tifla kontra missierha.

Illi hija tichad ukoll illi kkunsidrat abort meta saret taf li kienet harget tqila u lanqas setghet tikkonferma li kien hemm xi suggeriment minghand ommha f’dan is-sens, anzi ommha lanqas biss kienet taf li kienet tqila.

Illi xehed ukoll **Edwin Sammut** li huwa z-ziju ta’ l-attrici, ahjar maghruf bhala Patri Piju. Ix-xhud jispjega kif missier l-attrici, kien talbu biex imur id-dar tal-konvenut ghaliex kien fehem li wara li hu u martu kienu ghal btala l-Grecja, l-attrici kienet telqet mid-dar tal-genituri tieghu u marret tghix mal-konvenut. Huwa jispjega illi meta fl-ahhar il-konvenut fetah il-bieb ta’ fejn kienu qed joqoghdu, kien talbu biex ikellem lil Annabelle.

Illi dan ix-xhud jispjega kif hu u Annabelle kienu tkellmu fil-kuritur tal-blokk ta’ l-appartamenti fejn kienu qed jghixu. Ix-xhud jiddeskrivi l-ambjent tal-blokk u l-appartament bhala wiehed taht il-livell tat-triq illi kien jinstab fi stat ta’ telqa u kien mahmug. Jghid li fil-post ftit li xejn kien hemm ghamara, kien hemm hafna kaxex fuq xulxin u hafna mbarazz.

Illi z-ziju ta’ l-attrici jghid li kien difficli biex jitkellem mal-koppja, specjalment minhabba li l-konvenut kien hafna kritiku tal-genituri ta’ Annabelle akkuzahom li kienu wisq ta’ dixxiplina u kienu juru wisq preferenza ma’ hu l-attrici.

Illi jkompli jghid ukoll illi l-konvenut uza kliem vulgari kontra missier l-attrici. Huwa jistqarr ukoll illi l-konvenut kien ukoll qallu li lest li juza’ l-vjolenza sabiex izomm lil Annabelle mieghu. Jghid ukoll illi Anabelle kienet tidher mbezza’.

Illi x-xhud jghid illi l-ghada ta’ dan l-incident u cjoe’ 14 ta’ Dicembru 1994, Annabelle kienet infurmat lill-genituri taghha li kienet tqila.

Illi xehed ukoll **Victor Sammut** li huwa missier l-attrici. Dan jghid li l-attrici kienet tifla bil-ghaqal li kienet tattendi l-iskola regolarment u kienet waslet fil-livell tal-‘A’ Levels. Skond ix-xhud fl-1993, l-attrici kienet tahdem bhala *front office clerk* il-New Dolmen Hotel u kellha paga ta’ madwar Lm250 fix-xahar.

Huwa jghid li l-attrici kellha relazzjoni tajba hafna mieghu u specjalment ma’ ommha. Kienet tiftah qalbha maghhom u mal-hbieb vera taghha. Hija kienet tohrog ta’ sikwit ma’ huha li huwa dilettant tal-Landrovers. Gieli kienet ukoll tohrog ma’ hbieba tax-xoghol. L-attrici kienet saret taf lill-konvenut minn ma’ huha, ghaliex kien ukoll dilettant tal-Landrovers. Il-konvenut kien beda juri interess fl-attrici u kien jigi ghaliha meta kienet tkun *off*. Meta bdiet din ir-relazzjoni, Annabelle nbiddlet mill-lejl ghal nhar. Ma baqghetx aktar ferrieha u bdiet tinqata’ minn mal-familja.

Illi ghall-habta ta’ Lulju 1994, missier l-attrici kien tkellem ma’ bintu u qalilha li ma kienx kuntent bir-relazzjoni taghha mal-konvenut u li din setghet iggib konsegwenzi koroh l-aktar minhabba li ma kellux impjieg fiss. Kellu wkoll nuqqas ta’ edukazzjoni u mentalita’ differenti mill-attrici. Kien minn dakinhar li l-attrici saret kompletament barranija fid-dar u kienet kontrollata totalment mill-konvenut. Il-konvenut sar jaf li x-xhud ma kellux pjacir bih u beda joboghdu u jirreferi ghalih b’mod degradanti.

Illi missier l-attrici jispjega kif waqt li hu u martu kienu waqt btala gewwa l-Grecja, l-attrici telqet mid-dar sabiex tmur tghix mal-konvenut. Kienet ukoll hadet maghha l-flus li kellha fil-bank go *savings account* u cjoe' s-somma ta' Lm5,000. Illi x-xhud kien irrikorra ghal ghajnuna ta' huh, Patri Piju, li kien mar mieghu sabiex isibu l-post tal-konvenut. Patri Piju kien imbaghad nizel sabiex ikellimhom. Meta Patri Piju kellem lill-attrici u l-konvenut, jidher illi l-konvenut uza kliem oxxen kontra missier l-attrici u qallu li kien dispost juza' l-vjolenza sabiex izomm lil Annabelle mieghu.

Illi x-xhud jispjega kif l-ghada ta' din il-konverzazzjoni kienu rcevew ittra minghand l-attrici u l-konvenut fejn infurmah li l-attrici kienet qed tistenna tarbija u li kien ahjar li jinqata' kull kuntatt minn maghhom. Minkejja dan, missier l-attrici pprova, jikkomunika ma' bintu, izda kien ghalxejn. Sar jaf imbaghad li f'Gunju 1995 Annabelle kellha t-tarbija u li f'Awissu 1995, hi u l-konvenut kienu zzewgu bir-registru, u dan sar jafu minn habib tieghu li kien jahdem l-insinwa.

Illi x-xhud jispjega li kien imbaghad sar jaf li l-konvenut kien izzewweg qabel lil wahda Ingliza, certu Jacqueline Anne Westermann u kellhom tifel. Missier l-attrici jispjega kif meta hu u martu kienu l-Germanja kienu baghtu kartolina lill-attrici u l-konvenut fejn talbuhom jaraw lin-neputija taghhom li izda l-konvenut kien baghat lura l-kartolina bil-kliem oxxen fuqha, u kien ukoll baghat lura l-brazzuletta li kienu xtraw ghat-tifla.

Illi ghall-bidu tal-1997, il-konvenut kien accetta li jmur ghall-ikel ghand in-nanna ta' Annabelle. L-attrici u bintha bdew imorru ghand ix-xhud, filwaqt li l-konvenut kien mar biss tliet darbiet. Ix-xhud jispjega kif hu kien offra li jhallas l-edukazzjoni tat-tifla sabiex jibghata fi skola privata, izda rrifjutat. Pero', ix-xhud offra u hallas ghar-reklamar ta' prodotti ta' *general maintenance* li beda jimporta l-konvenut.

Illi x-xhud jistqarr ukoll illi l-attrici kienet qaltlu bil-kundizzjonijiet tal-post fejn kienet qed tghix mal-konvenut. Il-post kien umdu u minghajr ventilazzjoni u kien hemm il-grieden u kienet tibza' li setghu jigdmu lil bintha. Il-konvenut kien ukoll ihalli lill-attrici nieqsa mill-flus u kienet ommha li kienet tixtrilha l-ikel u hwejjeg, u kienet ukoll tixtri l-medicini. Sadanittant, l-attrici bdiet terga' tbaghti mill-*asthma*, filwaqt li t-tifla beda jaqaghlha xagharha minhabba nuqqas ta' vitamini. L-attrici kienet qalet lil missierha li l-konvenut kien hadilha kull sold li kellha u issa kien qed iqatta' hafna hin barra mid-dar u jekk kien jigi d-dar, kien jinxtehed fuq is-sodda jara l-*videos*. Bhala manteniment kien jaghtiha biss Lm5 fil-gimgha ghaliha u ghall-binthom u li minnhom kellha wkoll tixtri s-sigaretti.

Illi x-xhud jispjega wkoll illi l-konvenut kien ha xi *loans* mill-bank sabiex jixtri *computer* u jimporta xi oggetti minn barra.
Darba minnhom, il-konvenut ried li x-xhud isellfu Lm10,000 biex jixtri l-post ta' missieru. Ix-xhud jispjega li ma kienx fil-qaghda finanzjarja li jsellfu dawn il-flus, u minn hemm rega' beda isahhan lill-attrici kontra l-genituri taghha. Il-konvenut kien ipprova jiehu lill-attrici tghix Ghawdex u kien beda jhedded lill-attrici li kien ser johdilha lil binthom. Imbaghad fil-31 ta' Dicembru 1998 ghal habta tat-3:00 a.m. missier l-attrici jispjega kif kien sab lil bintu wara l-bieb ta' barra ghax il-konvenut, wara li kellhom xi jghidu, kien kecciha mid-dar u kien telaq bit-tifla minuri. Kien ghalhekk li kien ha lil bintu taghmel rapport l-Ghassa. Wara li sar ir-rapport, il-konvenut kien instab hati tar-reat. Biex jivvendika ruhu, wara li l-pulizija nvestigaw lill-konvenut ghal materjal pornografiku, il-konvenut allega li missier l-attrici kien jabbuza minnha, izda dan gie negat minn tliet professjonisti Ms. Roberta Attard, Fr. Victor Shields u Dr. Stephen Attard.
Il-Qorti mbaghad harget *court order* sabiex it-tifla minuri titqieghed il-Creche f'Tas-Sliema.

Illi sadanittant, l-attrici, bl-intervent tal-Pulizija rnexxielha tiehu lura biss il-karozza Daihatsu Charade, li kienet xtrat qabel iz-zwieg, izda kienet kollha zarmata. Il-bqija t-tifla ma hadet xejn aktar. Sakemm il-minuri damet fl-Istitut, l-

attrici kienet tmur taraha siegha kuljum. F'April 1998, l-attrici rnexxielha tiehu lit-tifla minuri lura u peress li l-konvenut oppona li bintu tghix mieghu, l-attrici u t-tifla minuri marru joqoghdu Pembroke maz-zija taghha. Il-konvenut kellu access bejn il-Gimgha fil-ghaxija sal-Hadd fil-ghodu.

Illi fi Frar 1999, il-Qorti ordnat li jieqaf il-*monitoring* fuq it-tifla minuri, wara li l-konvenut kien allega li l-familja tal-attrici jsawtuha u jahqru lill-minuri. F'Ottubru 1998, il-Qorti ordnat lill-konvenut ihallas Lm40 fil-gimgha lil martu u lil bintu. Madankollu, il-konvenut qatt ma hallas manteniment ghal sentejn shah u l-attrici kellha tirrikorri ghall-ghajnuna socjali. *Inoltre*, missierha qed jghaddilha Lm150 fix-xahar biex jghinha tghix, kif ukoll ihallas l-edukazzjoni tat-tifla minuri li tattendi skola tal-Knisja.

Illi missier l-attrici jkompli jispjega illi l-konvenut kien ha l-imsielet tad-deheb li kienu fuq it-tifla minuri. Kien ukoll hadilha l-hwejjeg godda li jkollha fuqha, kif ukoll hadilha l-flus li kellha fil-karus. Wara li l-konvenut kecca lill-attrici mid-dar, xorta baqa' jsegwiha u jheddidha. Kien jibghat il-pulizija f'nofs ta' lejl sabiex jaghmlu *surprise inspections*. It-tifla minuri qed tigi mhawda psikologikament minn missierha kemm kontra ommha, kif ukoll kontrih, tant li l-attrici ta' kull *weekend* qed ikollha tiehu pacenzja maghha. Illum it-tifla qeghda tigi segwita mill-psikologa Dr. Monica Xuereb. Kien hemm ta' lanqas zewg okkazjonijiet meta l-konvenut zamm lit-tifla minuri bi ksur tad-digriet tas-Sekond' Awla.

Illi x-xhud jispjega illi l-konvenut qieghed jallega illi t-tifla minuri qed tigi msawta, izda dan mhux minnu, specjalment meta dan l-istess fatt gie negat mit-tabib Dr. Parascandalo, li qal fir-rapport tieghu, li Kaya hija mizmuma tajjeb minn ommha, tant li fizikament hija mibnija sew u hija kbira ghal eta' taghha.

Illi xehdet ukoll **Dolores Sammut** li tigi omm l-attrici. Din tispjega kif Annabelle kienet inghatat edukazzjoni tajba gewwa l-iskola ta' St. Monica u mbaghad kienet ghamlet sena l-Junior Lyceum. Wara li spiccat mill-iskola

Annabelle bdiet tahdem bhala kaxxiera n-New Dolmen u dan kien fl-1994. Kien f'dan iz-zmien li l-attrici ltaqghet mal-konvenut li kellu 31 sena, filwaqt li hi kien ghad ghandha sbatax-il sena. Omm l-attrici tispjega kif hi u r-ragel taghha ma kienux kuntenti b'din ir-relazzjoni u pprovaw jinkoragixxu lill-attrici tohrog ma' hbieb ta' l-eta' taghha.

Illi omm l-attrici tiddeskrivi kif, meta l-attrici bdiet tiffrekwenta l-konvenut, inbiddlet u nghalqet go fiha. Fejn qabel kienu l-ahjar hbieb, issa bilkemm tkellimha, sakemm ghall-habta tal-Milied 1994, waqt li hi u zewgha kienu l-Grecja, l-attrici qabdet u telqet mid-dar tal-genituri taghha. L-attrici kienet marret toqghod mal-konvenut u hadet maghha hwejjigha kif ukoll il-ktieb tal-bank fejn kellha madwar Lm5,000 fis-*savings account*.

Illi din ix-xhud tispjega kif hi u zewgha kienu baghtu lil Patri Piju, hu missier l-attrici sabiex ikellimhom, izda ghalxejn. Ix-xhud tispjega ukoll illi l-ghada stess kienet irceviet ittra minghand l-attrici fejn infurmathom illi hija tqila. Hi kienet ghamlet kuntatt mat-tifla mmedjatament u ghall-bidu kienu johorgu jimxu flimkien, imbaghad kienu jiltaqghu fil-karozza, sakemm eventwalment il-konvenut gieghel lill-attrici taqta' kull kuntatt ma' ommha.

Illi omm l-attrici tispjega kif hi xorta baqghet tippersisti biex izzomm il-kuntatt mat-tifla ghalkemm kien difficli. Fl-20 ta' Gunju 1995 meta qabbdet u cemplet kien irrispondiha l-konvenut u qalilha li l-attrici kienet ghada kif welldet tarbija. B'dana kollu omm l-attrici tispjega illi hi kienet xtrat u baghtet brazzuletta tad-deheb ghat-tarbija. Meta hi u zewgha kienu baghtu kartolina minn barra lill-attrici fejn urewha x-xewqa taghhom li jaraw lit-tifla minuri, il-konvenut rega' baghtilhom il-kartolina lura, mimlija b'hafna kliem oxxen, kif ukoll kaxxa mkissra bil-brazzuletta fiha. Illi wara xi zmien saru jafu li l-attrici u l-konvenut kienu zzewgu bic-civil. Kien biss ghal habta tal-Milied 1996 li l-affarijiet hadu xejra ohra differenti u dan meta l-attrici u l-konvenut accettaw invit ghal ikla tal-Milied ghand in-nanna tal-attrici, izda l-konvenut ghamel kundizzjoni li l-genituri ta' l-attrici ma kellhomx ikunu prezenti.

Illi kien fiz-zmien tas-Sajf tas-sena ta' wara, meta l-partijiet stiednu lill-genituri ta' l-attrici ghat-te` gewwa l-karavan li kellhom f'Bahar ic-Caghaq, fejn kienu jghixu ghax-xhur tas-Sajf. Kien hawn li x-xhud u bintha l-attrici kienu bdew johorgu aktar regolarment flimkien. Kienet l-ewwel darba tghid ix-xhud li ndunat li bintha kienet qed tbaghti finanzjarjament. Ma kellhiex x'tilbes u bil-kemm kellha flus biex tixtri. L-attrici kienet imbaghad fethet qalbha maghha li t-tifla kien qed jaqalha xaharha. Wara li haditha ghand it-tabib, dana kien qalilha li kellha nuqqas ta' vitamini. Ghalhekk omm l-attrici tispjega li hi mbaghad kienet iddecidiet li tibda taghmlilha x-xirja u hallsitilha xi dejn li kellha mal-*grocer*.

Illi omm l-attrici tghid li ghalkemm qatt ma dahlet fil-post fejn kienet toqghod l-attrici flimkien mal-konvenut il-Gzira, izda kien isfel qisu kantina u kien jidher li lanqas twieqi ghal barra ma kellu. Minhabba dawn ic-cirkostanzi, l-attrici regghet bdiet tbaghti mill-*asthma*. Kien hemm ukoll il-grieden fil-post u dan kollu tafu ghaliex kienet tghidilha l-attrici.

Illi omm l-attrici tghid ukoll illi meta l-konvenut kien beda jimporta xi prodotti ghal karozzi kienet tghinu u kienet ukoll xtrat uniformi ghat-tifla li kienet tghinu jiehu l-ordnijiet. Il-konvenut kien wieghdha li kien ser ihallasha lura, izda dan qatt ma gara. Kienet nefqet madwar Lm2,500 b'kollox. Missier l-attrici kien offra li jghinu bil-kera ta' post u li jaghmel alterazzjonijiet necessarji biex il-post ikun aktar addattat, izda minflok il-konvenut ried Lm10,000 biex jixtri l-post fejn kien joqghod missieru. Pero' missier l-attrici ma setax jghaddilu dan l-ammont u kien baghat risposta ma' l-attrici.

Illi omm l-attrici tispjega kif il-konvenut, ghalkemm ir-relazzjonijiet bejniethom tjiebu, ftit li xejn kien jidhol ghandhom jew ghand familjari taghhom. Ir-relazzjoni bejn l-attrici u l-konvenut bdiet sejra ghall-aghar u dan meta l-konvenut beda jinsisti li ghandhom imorru jghixu Ghawdex u l-attrici rrifjutat. Il-konvenut beda jipprojbixxi lill-attrici milli tohrog mid-dar u kien jghidilha li jekk xtaqet titilqu

setghet basta li thalli lit-tifla minuri. Kienu spiccaw kollha maghluqin gewwa u l-attrici lanqas setghet iccempel sakemm darba l-konvenut kien qalilha tmur tixtrilu s-sigaretti. Dan kollu kien ghall-habta tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Kienet cemplet u qalet lill-genituri taghha b'dan kollu. F'lejlet l-Ewwel tas-Sena 1998, il-konvenut kien ghamel ghall-attrici b'sikkina u ghamilha m'ghonqha, tant li l-incident wasal sabiex il-konvenut ha l-attrici B'Kara, id-dar tal-genituri taghha u telaq bit-tifla minuri. Sussegwentement ghal dan l-incident, missier l-attrici kien akkumpanjaha ghand il-pulizija sabiex taghmel rapport kontra l-konvenut li mbaghad kien instab hati ta' dan ir-reat.

Illi din ix-xhud tispjega kif imbaghad Annabelle baqghet toqghod maghhom u kienet biss tikkomunika mal-konvenut sabiex tara lil bintha. Il-konvenut kien jirrispondi li jekk kemm-il darba kienet tiffirmalu karta li missierha kien jabbuza minnha, hu kien dispost juriha lit-tifla. Illi Psikologu espert mahtur mill-Qorti kien innega li missier l-attrici qatt abbuza minnha. Wara li harget is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, il-minuri ntbaghtet fl-Istitut tal-Ursolini Tas-Sliema. L-attrici kellha d-dritt li taraha kuljum, hlief il-Hdud u dan skond ir-regolamenti tal-Istitut. Kienet imbaghad is-Sekond' Awla li ordnat li fl-ahjar interess tat-tifla minuri, din tinhareg mill-Istitut u tigi fdata fil-kura u kustodja ta' ommha, filwaqt li l-konvenut ikollu access ghal bintu mill-Gimgha fil-ghaxija sal-Hadd fil-ghodu. Is-Sekond' Awla ordnat ukoll illi l-konvenut kellu jikkontribwixxi bhala manteniment Lm40 fil-gimgha lil bintu u lil martu u dan kien ghall-habta ta' Ottubru 1998.

Illi minhabba l-allegazzjonijiet ta' abbuzi, swat min-naha tal-konvenut gie ordnat ukoll *monitoring* mit-Taqsima ghall-Harsien tat-Tfal, sakemm b'digriet moghti mis-Sekond' Awla fi Frar, 1999 il-Qorti kkonfermat id-decizjoni tat-Taqsima ghall-Harsien tat-Tfal u tal-Butterfly Centre tad-Dipartiment tas-Sahha.

Illi wara li l-attrici harget lil bintha minuri mill-Istitut marret toqghod ma' zijitha u zewgha f'Pembroke. Kien minn hawn li l-konvenut kien jigi jigbor lit-tifla minuri izda kull

darba kien jigi u jhares lejn kulhadd bl-ikrah. Kien ukoll jipprova jirredikola lill-attrici quddiem il-girien. Wara l-access minn ma' missierha, l-minuri tirritorna lura d-dar ghajjiena, u b'riha ta' sigaretti fuqha, kif ukoll imhawda hafna u sabiex tirritorna lura ghal karattru normal taghha, ommha trid tiehu pacenzja biha. Din hija s-sitwazzjoni sa llum-il gurnata. Kien biss ghall-ahhar tal-1999 u l-bidu tas-sena 2000 li l-konvenut ikkontribwixxa xi manteniment ghall-attrici u ghal bintu. Il-konvenut insista li ma jhallix lill-attrici bil-kwiet u ghamel zmien jibghat lill-pulizija f'nofs ta' lejl id-dar taz-zijiet tal-attrici, izda mbaghad il-pulizija wissewh biex ma jkomplix jaghmel dawn ir-rapporti.

Illi wara seba' xhur l-attrici kellha tmur toqghod ma' nannitha u mbaghad marret toqghod go *flat* f'Birkirkara, propjeta' tal-genituri taghha. Ix-xhud tispjega illi ma jzommulhiex kera. Ghall-habta tas-Sajf 1999, il-konvenut zamm lit-tifla minuri u dan kontra d-digriet tas-Sekond' Awla. Beda jaghmel allegazzjonijiet li t-tifla kienet qed tigi msawta u ghalhekk regghet giet involuta *social worker*, kif ukoll it-tabib Parascandalo li kkonferma li ma kienx hemm swat. Kien biss wara erba' gimghat li l-attrici, bl-assistenza tal-pulizija setghet terga' tara lil bintha. Dakinhar tal-incident, il-konvenut kien hedded lill-attrici, tant li spicca biex tressaq il-Qorti. Gimgha wara, il-konvenut rega' ma rritornax lit-tifla, tant li mbaghad kellu jintervjeni l-avukat tal-konvenut sabiex it-tifla tingabar mill-ufficcju tieghu. Minn dakinhar it-tifla minuri bdiet tingabar minn quddiem l-Ghassa ta' San Giljan.

Illi omm l-attrici terga' tenfasizza l-attitudni tal-minuri wara li tigi lura minn ma' missierha. It-tifla tkun introverta hafna u rispostuza, specjalment fil-konfront t'ommha u n-nanniet. Tant tkun mghawwija t-tifla li sahansitra anki ssawwat lill-omm l-attrici, xi haga mhix normali ghat-tifla ta' dik l-eta'. Wara l-*weekend* meta Kaya Estelle tkun ghand missierha, hi jkollha tibda taghmel il-homework ghax ma' missierha tkun ghadha m'ghamlet xejn.

Illi tat ix-xhieda taghha wkoll **Josephine Bezzina** li tigi n-nanna ta' l-attrici. Din ix-xhud tispjega li hi u n-neputija taghha kellhom relazzjonijiet tajbin bejniethom u li kien

biss wara li l-attrici marret tghix mal-konvenut li tilfet kull kuntatt maghha u dan kien ghall-habta tal-1994. Fil-Milied tal-1996, l-attrici kienet cemplet lil nannitha sabiex tirringrazzjaha tal-kartolina u kien hawn li din ta' l-ahhar stednithom ghall-ikel. Il-konvenut kien accetta bil-kundizzjoni li ma jkunux prezenti l-genituri ta' l-attrici. Din kienet l-ewwel darba li ltaqghet maghhom wara sentejn.

Illi din ix-xhud tispjega kif hi u l-attrici mbaghad baqghu in kuntatt, izda kienet tinduna li mill-mod kif kienet titkellem l-attrici, kif ukoll mill-mod kif kienet tilbes, li kellha problemi finanzjarji.

Illi x-xhud tispjega wkoll kif Annabelle kienet qaltilha li kienu jghixu go speci ta' kantina l-Gzira, li kien post umdu u li kien hemm anki l-grieden. Kienet qaltilha wkoll li kienet tibza' illi xi gurdien seta' jigdem lill-minuri. Ix-xhud tispjega wkoll kif ghal habta tas-Sajf 1997, kien hemm l-ewwel kuntatt bejn il-partijiet u l-genituri ta' l-attrici. Kien hawn li bdiet tara lill-attrici anqas peress li din kienet tohrog ma' ommha.

Illi fil-Milied 1997, nannet l-attrici tistqarr li kien gara ncident ghax il-konvenut kien ha lill-attrici u l-minuri ghandha ghall-ikla tal-Milied, fejn kien hemm il-familja kollha, izda hu ma marx. Meta dahlet l-attrici dahlet tibki ghaliex il-konvenut ried imur jghix Ghawdex sabiex hi tkun 'il boghod mill-familja taghha. Wara dan l-incident, il-konvenut kien sakkar lill-attrici u l-minuri d-dar u f'lejlet l-Ewwel tas-Sena waddabha quddiem il-bieb tad-dar tal-genituri taghha u hadilha l-minuri. Ix-xhud tispjega kif din ma kinetx l-ewwel darba li hadilha l-minuri, izda kien hemm darbtejn ohra.

Illi x-xhud tistqarr illi l-attrici thobb u tiehu hsieb lill-minuri, izda l-biza' taghha tibqa' dik li l-konvenut jehodilha t-tifla u dan meta hu jkompli jheddidha b'dan il-fatt.

Illi l-**konvenut** jispjega illi ltaqa' mal-attrici meta hu kellu tletin sena u hi kellha sbatax-il sena. Meta ghalqet tmintax-il sena kienet harget tqila; izda jistqarr illi t-tqala, ma kenitx wahda accidentali izda ppjanata. Huwa jghid li

zzewgu fit-23 ta’ Awissu 1995. Jghid illi l-attrici kienet tghidlu li riedet titlaq mid-dar tal-genituri taghha ghax kienet imdejqa u ghaliex missierha kien jabbuza minnha sesswalment. Il-konvenut jghid li l-attrici kienet telqet mid-dar bil-mohbi tal-genituri taghha, izda hu kien riedha tghidilhom.

Illi l-konvenut jghid illi matul iz-zwieg hu kien il-*breadwinner* u kienu jghixu god-dar parafernali tieghu. Jghid ukoll li meta l-attrici marret toqghod mieghu ma hadet xejn maghha u kellha tixtri kollox mill-gdid. Dwar ir-relazzjonijiet sesswali, il-konvenut jghid li dawn kienu regulari u kienu sodisfacenti u ghalhekk ma kellux ghalfejn jara *films* pornografici. Huwa jghid li din l-allegazzjoni kienet ivvintata mill-attrici sabiex it-tifla terga’ tintbaghat go stitut sabiex tkun tista’ tohrog mal-*boy friends* u tixrob, *semmai*, jispjega l-konvenut, kien missier l-attrici li kellu *films* pornografici ghax dan kienet stqarritu mieghu l-attrici. Il-konvenut jaghmel referenza ghar-rapporti ta’ Roberta Attard, *social worker* tac-Child Protection Unit, (Dok “A1” esebit) u ghall-istqarrija ta’ l-Ispettur Sharon Tanti li cahdet ghal kollox l-allegazzjonijiet ta’ *films* pornografici ghaliex mill-investigazzjonijiet li ghamlu fuq rapport ta’ l-attrici ma kienet sabet l-ebda materjal pornografiku.

Illi l-konvenut jghid illi l-hajja finanzjarja taghhom kienet tiehu hsiebha l-attrici. Il-konvenut jispjega li hu kien ha *overdraft* mal-Mid-Med Bank ta’ Lm2,000 sabiex ikun jista’ jaghmel negozju billi jimporta l-*isprays* tal-karozzi minn barra. Kien ha wkoll *overdraft* ta’ Lm800 biex jixtru *computer*. Il-kont kien komuni u l-flus baqghu jithallsu minn hawn.

Illi huwa jghid li sa Dicembru 1997 kien iddepozita l-ammont ta’ Lm19,000 u dan mill-flus li kien jaqla’ min-negozju. Kien hawn li nduna li qarrqet bih l-attrici ghax f’Jannar 1998 sar jaf li l-bilanc ta’ dan il-kont kien biss Lm67. Il-konvenut jistqarr li l-attrici kienet tigbed il-flus li kien jaghtiha biex tiddepozita u spicca biex kellu jirranga biex ihallas l-*overdraft* bin-nifs.

Illi l-konvenut jispjega illi l-attrici kienet ukoll qed taghmillu dejn iehor minkejja li kien jghaddilha l-flus. Ma kenitx qed thallas il-kontijiet tat-telefon u tad-dawl u l-ilma ghalkemm kien jghaddilha l-ammont tal-kont. Hu jghid li kien ra l-kuntratt li ghamlet martu mal-Maltacom u ma' l-Enemalta biex thallas Lm20 fix-xahar fuq l-arretrati. Il-konvenut jghid li hu kien applika l-Housing ghall-post xi seba' snin qabel ma ltaqa' ma' l-attrici u kien ha post in-Naxxar. Il-konvenut jammetti illi t-tifla taghhom kellha problema, meta mhabba nuqqas ta' vitamini beda jaqaghlha xagharha. Jaghti tort lill-attrici li ma kenitx titma lit-tifla ikel sustanzjuz, izda kienet taghtiha hafna *snacks*, li skond it-tabib tal-familja Dr. John Vella dawn ghandhom hafna kimici li ghat-tfal zghar ma jaghmilhomx tajjeb.

Illi dwar l-allegazzjoni li hu jghid lit-tifla minuri kontra ommha u jichad dan il-fatt u jghid li meta kien qal lit-tifla biex ma tbusx lil ommha kien fiz-zmien meta l-attrici kellha l-ponot fuq wiccha u kien inkwetat li dawn setghu jittiehdu. Meta sema' li kien ser iwaddab lill-attrici go tebut, kien minhabba li t-tifla kienet qaltlu li missier l-attrici kien qalilha li kien ser jitfghu go gagga u li kien ser ifarrku ghaliex kellu l-*power* u kuntatti. Huwa jistqarr illi l-attrici titkellem hazin u vulgari quddiem il-minuri, kif ukoll il-*boyfriend* taghha Malcolm Calleja. Jghid ukoll illi l-attrici tghajjar lit-tifla ukoll.
Il-konvenut jghid ukoll illi l-attrici ssawwat lil Kaya Estelle u dan sabiex torqod wara nofsinhar ghaliex hi tkun trid torqod. Issawwatha wkoll ghax ma tizbarazzax it-*toys*. Dan l-abbuz fiziku u verbali u l-iswat tigi assoggettatha ghalihom ukoll mill-*boyfriends* ta' l-attrici, fosthom Malcolm Calleja. Jghid li darba Malcolm kien hebb ghat-tifla bil-*wooden spoon*.

Illi l-konvenut jghid li huwa jinsab preokkupat bl-abbuz li qed tigi assoggettata ghalih it-tifla u jipproponi li tigi nominata *child psychologist*. Il-konvenut isostni wkoll illi l-attrici hija aggressiva mat-tifla, tant li darba minnhom kellu jehodha l-isptar, flimkien ma' l-attrici, fejn il-*paediatrician* Angela Borg qalet li t-tifla ngibdet minn idejha u l-unika persuna li kienet maghha l-gurnata kollha kienet biss l-attrici. Kien hemm okkazjoni ohra fejn l-attrici kienet

cemplet lill-konvenut u qaltlu li t-tifla ma kenitx qed iccaqlaq idejha x-xellugija. Il-konvenut jispjega illi hu kien hadha l-Isptar u t-tabib kien qallu li t-tifla kellha idejha migbuda u dan seta' biss gara jekk iddendlet ma' xi haga jew jekk xi hadd gibidha bis-sahha, pero' ta' l-eta' taghha huwa mpossibli li tkun iddendlet ma' xi haga. Il-konvenut ukoll isostni li l-attrici hija wkoll negligenti mal-minuri. Jispjega illi kien hemm diversi ncidenti fejn l-attrici, li jallega ghandha l-vizzju tax-xorb, torqod u t-tifla darba waqghet minn fuq is-sodda u darba ohra waqghet minn got-tieqa tal-karavan fejn kienu jghixu. Il-konvenut jispjega illi l-attrici nfurmat lill-Madre Superjuri, Sister Lea, permezz ta' ittra li kellha, fl-opinjoni tieghu nformazzjoni falza fuq id-digriet sabiex ma jigix infurmat bi kwalsiasi nformazzjoni rigwardanti l-edukazzjoni tat-tifla, kif ukoll fuq xi attivitajiet skolastici. Illum jghid li qed jigi avzat wara ntervent tal-avukat tieghu.

Illi fuq l-iskola wkoll, il-konvenut jispjega illi l-attrici avzat lill-ghalliema Miss Claudette sabiex meta Kaya Estelle ghandha tmur ma' missierha fil-*weekend* ma tinghatax *home-work*, u dan skond il-konvenut kontra l-opinjoni tal-ghalliema stess. Ghalhekk jispjega illi meta tmur ghandu, t-tifla qatt ma jkollha *homework* u minflok l-attrici jgieghlha taghmel il-*homework* nhar ta' Hadd fil-ghaxija. Konsegwentement, it-tifla qed tmur lura l-iskola nhar ta' Tnejn ghajjiena.

Illi min-naha tieghu jghid li jheggeg lit-tifla titghallem il-*computer*. Il-konvenut jistqarr ukoll illi t-tifla tigi minghand l-attrici jkollha hwejjeg zdingati u hwejjeg imdendlin. Hu jispjega li hu jixtrilha l-hwejjeg u jlibbishomlha pero' l-attrici dejjem tibghatha bi hwejjeg ohra.

Illi l-konvenut jistqarr illi ghandu suspetti ghalkemm mhux fondati s'issa, li missier l-attrici qed jabbuza sesswalment mill-minuri. Tant hu hekk li hemm ordni tal-Qorti sabiex il-minuri ma tithallix fil-prezenza ta' missier l-attrici wahdu. Izda skond il-konvenut dan id-digriet mhux qed jigi segwit. Huwa jispjega illi l-attrici aktar interessata tohrog mal-*boyfriends* u tixrob minflok toqghod mat-tifla. Fil-fatt meta

t-tifla suppost tkun fil-kura u kustodja taghha, hi tohrog jew toqghod man-nanniet. Dan jidher aktar u aktar meta l-attrici kienet talbet li tinhareg *care order* fuq it-tifla li ntbaghtet ghal tliet xhur shah il-Creche. Il-konvenut jispjega li l-attrici ma tantx kienet tmur taraha, kif taghmel normalment ommha.

Illi l-konvenut isemmi d-drabi u r-ragunijiet ghalfejn gieli ma tax lill-minuri Kaya Estelle lura lil ommha. Darba minnhom kienet l-attrici stess li talbitu jzomm lill-minuri sat-Tlieta. Darba ohra l-avukat ta' l-attrici, kien talab li t-tifla tingabar mill-Ghassa ta' B'Kara, izda meta ra li t-tifla kienet imbezza' rrifjuta u b'hekk sar ftehim li t-tifla tingabar mill-Pjazza ta' San Giljan. Il-konvenut jispjega wkoll illi kien hemm ta' l-anqas hames drabi meta l-attrici naqset illi taghtih lill-minuri skond id-digriet. Huwa jispjega wkoll illi l-attrici wkoll qed tikser id-digriet tal-Qorti ghaliex meta suppost qed tghix ma' zitha Pembroke, illum tghix mal-*boyfriend* taghha Malcolm. Illi dan qed ikollu effett hazin fuq it-tifla ghax it-tifla tghidlu li rat lil Malcolm gharwien m'ommha jaghmlu affarijiet sesswali.

Illi l-konvenut jistqarr illi l-attrici qabdet u abbandunat id-dar matrimonjali. Meta marru jghixu flimkien ma kienet gabet l-ebda affarijiet maghha, la hwejjeg u lanqas dehbijiet. Meta telqet mid-dar, jispjega l-konvenut, l-attrici hadet l-affarijiet prezzjuzi maghha, d-dehbijiet, hwejjeg, CD's u rcevuti. Kulma halliet huma d-dehbijiet tat-tifla. Jghid li l-attrici kienet ilha ggorr l-affarijiet mid-dar qabel ma telqet. Mill-ircevuti li hadet kien hemm tal-karozza u tieghu personali.

Illi l-konvenut jistqarr illi hu kien xtralha d-dehbijiet li b'kollox kienu jammontaw ghal Lm800. Huwa jghid li xtralha:

(a) *rims* u *tyres* ghall-karozza ghall-valur ta' Lm150.
(b) *stereo* ta' Lm80 u accessorji li jammontaw ghal 'il fuq minn Lm250, li ghollew il-valur tal-karozza li bieghet l-attrici u xtrat ohra. Illum il-licenzja hija fuq missierha.

(c) kien ihallsilha Lm16 kull hmistax ghall-*gynaecologist* ghaliex kellha problema ta' fertilita'.

Illi l-konvenut jghid ukoll li l-attrici kienet sellfet Lm1,000 lil huha u xi flus ohra u dan ma jafx hadithomx mill-flus tal-komunjoni. Il-konvenut jispjega li llum hu m'ghadux jahdem bhala *sprayer* ghaliex ghalkemm kien ilu jahdem ghal sentejn u nofs dan l-ahhar kienu qed isiru diversi rapporti u l-pulizija kienu qed imorru ta' sikwit sabiex iwaqqfuh. Jghid ukoll illi missier l-attrici pprova wkoll ifarrak ir-reputazzjoni tieghu.

Illi l-konvenut jghid li ghalhekk l-uniku xoghol li qed jaghmel mill-garaxx huwa li jahsel il-karozzi, izda jaqla' anqas flus. B'danakollu jispjega li hu qatt ma halla lit-tifla nieqsa. Dejjem xtralha rigali fl-okkazjonijiet tal-*birthdays* u Milied. Jekk kien strett maghha dan minhabba li ma riedx iderriha li tiehu dak kollu li trid. Huwa jikkonferma li l-attrici tahdem il-German Maltese Circle u tahdem bla ktieb. Fl-istess waqt tircievi ghajnuna socjali. Dwar il-psikologa Monica Attard, il-konvenut jghid li ma tantx ghandu fiducja fiha u dan, meta hija habiba ta' l-attrici, u ma tantx ghandha esperjenza. Il-konvenut jghid li dispost li jikkontribwixxi *in parte* ghal manteniment u li jrabbi l-istess tifla.

Illi xehdet ukoll **Bernardette Dimech** li tigi oht il-konvenut. Din ix-xhud tghid li hi u Annabelle kienu hbieb sew u l-attrici kienet tqatta' granet shah ghandha u dan minhabba li kienet miggielda mal-genituri taghha. Hija tghid li l-attrici kienet tghid hafna kontra missierha peress li kien jabbuza minnha sesswalment meta kienet izghar. Tghid ukoll Illi l-attrici kienet tghidilha li missierha kien iridha tigri gharwiena d-dar.

Illi din ix-xhud tistqarr illi l-attrici kienet tghidilha li meta bdiet tizviluppa missierha kien jidhol fuqha fil-kamra tal-banju. Kien jinza quddiemha jew juza' t-*toilet*. Hi tkompli tghid li l-attrici kienet tghidilha illi kienet tibza' minn missierha ghaliex kien isawwatha. Ix-xhud tiddikjara wkoll illi l-attrici kienet tghidilha illi missierha kien igieghlha tmiss il-partijiet privati taghha kif ukoll tieghu. Kien minhabba

dan l-abbuz sesswali li l-attrici kellha *trauma* u telqet mid-dar tal-genituri taghha meta kellha sbatax-il sena.

Illi ta x-xhieda tieghu ukoll certu **Jesmond Tanti**. Dan ix-xhud huwa habib tal-konvenut. Dan jghid li l-konvenut kien qallu li l-attrici kellha problema mal-genituri taghha u ma kenitx tkellimhom. Il-konvenut kien qed jipprova jirranga r-relazzjoni bejn l-attrici u ommha. Jistqarr li l-konvenut kien qallu li l-uniku biza' li kellu kien minn missier l-attrici, peress li din kienet tghidlu li meta kienet zghira sa meta telqet mid-dar missierha kien jabbuza minnha. Hu kien jibza' li missier l-attrici seta' jaghmel l-istess ma' bintu.

Illi dan ix-xhud jistqarr ukoll illi darba minnhom, l-attrici qablet quddiemu mal-konvenut meta qal li missierha kien abbuza minnha sesswalment.

**<u>(ii) KONSIDERAZZJONIJIET PERITALI.</u>**

Illi l-partijiet f'din il-kawza qed jaqblu li ghandha tinghata l-firda personali bejniethom u ghaldaqstant din il-Qorti ser tanalizza l-bazi tat-talbiet attrici u effettivament jekk dawn gewx ipprovati jew le.

**<u>(a) RESPONSABBILTA'.</u>**

Illi l-attrici ssostni li z-zwieg tkisser minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut minhabba li rrenda ruhu hati ta' servizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi. Mill-banda l-ohra, l-konvenut eccepixxa u talab illi l-uniku tort wara l-firda bejniethom kienet l-attrici. Dwar din il-kwistjoni ta' responsabbilta' *o meno*, din il-Qorti tinnota li l-attrici ssustanzjat it-tezi taghha aktar minn tal-konvenut. Aktar minn hekk, l-attrici kienet aktar kredibbli mill-konvenut.

Illi l-konvenut ipprova jibni storja li l-attrici kienet imdejqa hafna mal-genituri taghha u l-aktar minhabba li missierha kien jabbuza minnha. Min-naha taghha tispjega kif iltaqghet mal-konvenut, kif telqet mid-dar u marret toqghod mieghu, kif inbidlu r-relazzjonijiet bejnha u l-familja taghha. Tispjega wkoll ic-cirkostanzi li fihom kienet

tghix kemm bhala dar ta' abitazzjoni, kif ukoll mill-aspett finanzjarju. Issemmi wkoll it-theddid li kienet tircievi minghand il-konvenut li sahansitra kien zamm lilha u lit-tifla minuri Kaya Estelle gewwa d-dar. Dawn il-fatti huma kollha korraborati mill-familjari ta' l-attrici.

Illi apparti minnhekk, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li t-tezi tal-konvenut mhix kredibbli u hija ghal kollox infondata fil-fatt minhabba li tul ir-relazzjoni ta' bejniethom, il-genituri ta' l-attrici dejjem ittentaw li jzommu l-kuntatt bejnhom u bejn it-tifla taghhom u sahansitra man-neputija. Ippruvaw kemm-il darba, anzi pjuttost ghamlu hilithom biex b'xi mod jitjiebu r-relazzjonijiet bejniethom. Jidher car li l-problema dejjem kienet gejja min-naha tal-konvenut. Anzi, kien hemm perjodu meta l-konvenut u l-attrici regghu bdew jkellmu lill-genituri ta' l-attrici, fattur iehor li ma jikkonvincix din il-Qorti hu li qatt seta' kien hemm xi abbuz fuq l-attrici da parti ta' missierha. *Inoltre*, meta l-affarijiet aggravaw sew bejn il-konjugi Grixti, l-attrici ma sabet l-ebda problema li terga' tmur lura tghix mal-genituri taghha.

Illi fir-relazzjoni qasira ta' bejniethom, kien jidher car illi l-attrici kienet tibza' hafna mill-konvenut li kien b'xi mod jheddidha ta' spiss u kien jheddidha kontinwament u dan jidher car sa mill-bidunett tar-relazzjoni ta' bejniethom. Anki omm l-attrici tistqarr fl-affidavit taghha li meta bintha bdiet tohrog mal-konvenut, inbidlet mill-lejl ghal nhar.

Illi fil-kuntest ta' dan kollu u meta wiehed jara x-xhieda kollha prodotta jirrizulta li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha b'dan li l-kawza tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet hija attribwibbli esklussivament lill-konvenut li kien hati *verso* l-attrici ta' sevizzji, minaccji, theddid, eccessi u ngurji gravi, anke b'dak vantat minnu kontra l-attrici f'din il-kawza u kien konsewgenti ta' dan l-agir irresponsabbli tal-konvenut li wassal sabiex iz-zwieg jitkisser irremedjabbilment.

**<u>(b) KURA U KUSTODJA.</u>**

Illi mill-fatti li gewipprezentati jidher illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Kaya Estelle hija l-aktar element krucjali f'din il-

kawza. Pero’, ghal darb’ohra din il-Qorti tikkundanna bil-qawwa l-atteggjament tal-konvenut f’dawn ic-cirkostanzi pjuttost sensittivi.

Illi l-konvenut jaghmel diversi akkuzi fil-konfront ta’ l-attrici – li hi titraskura t-tifla, li ssawwat lit-tifla, li t-tifla tkun maghha fil-prezenza tar-ragel, li t-tifla thalliha mahmuga u hafna allegazzjonijiet ohra. Sahansitra l-konvenut wasal biex jaghmel allegazzjonijiet fil-konfront tal-attrici, u cjoe’ li hi qeghda tabbuza mill-minuri. Pero’ dawn l-allegazzjonijiet diga’ gew ittrattati quddiem din il-Qorti fejn il-konvenut kien ipprezenta diversi rikorsi sabiex jiehu l-kura u l-kustodja tal-minuri Kaya Estelle.

Illi wara li din il-Qorti rat ir-rapporti kollha pprezentati minn diversi esperti medici u psikologici li ezaminaw lit-tifla minuri u wara li l-istess esperti kkonkludew li l-minuri m’ghandhiex sinjali ta’ abbuzi fizici, izda rrizulta li qed tigi nfluwenzata hafna, partikolarment minn missierha. Jirrizulta li l-istess minuri tibza’ minn missierha sal-estremita’ li fil-hinijiet u granet li jkollha access ghal missierha, jirnexxielu jghawwiha kontra ommha.

Illi kemm l-attrici, kif ukoll il-genituri taghha jispjegaw kif nhar ta’ Hadd meta t-tifla tigi lura minghand missierha tkun imhawda, rispostuza u nsulenti lejn ommha u wara ftit hin ta’ pacenzja terga’ tirritorna ghal tifla ferrieha li hi. Id-diskors tal-konvenut dwar l-atteggjament ta’ Kaya Estelle huma biss frott ta’ l-immaginazzjoni tieghu.

Illi minghajr ebda ombra ta’ dubju din il-Qorti thoss li l-konvenut ihobb lill-minuri hafna pero’ b’danakollu waqa’ biex jaghmel l-izball li jaghmlu hafna genituri fil-mument ta’ separazzjoni – juzaw lit-tfal bhala arma u dan mhux ser jigi ttollerat minn ebda Qorti, u fil-fatt jirrizulta minn dan il-kaz li l-vera hsara li saret lill-minuri kienet mhux is-separazzjoni *per se,* li jidher li kienet inevitabbli, izda l-manipulazzjonijiet min-naha tal-genituri fejn jidher li z-zewg partijiet uzaw lill-istess minuri bhala arma kontra xulxin. Hawn il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad minnha fid-digriet estensiv taghha tal-24 ta’ Lulju 2000.

Illi ghaldaqstant, din il-Qorti thoss li ghandha tikkonferma d-digriet tas-Sekond' Awla tat-30 ta' Ottubru 1998 u dak ta' din il-Qorti datat 24 ta' Lulju 2000 fejn tordna li l-kustodja ghandha tkun wahda konguntiva, filwaqt li l-kura tigi fdata f'idejn l-omm kif indikat fl-istess digrieti u l-access ghal missier ghandu jkun mill-Gimgha mis-6:00 p.m. sal-Hadd ta' wara fil-11:00 a.m. u fl-istess waqt ghalhekk l-attrici tinghata l-kura esklussiva tal-minuri Kaya Estelle. Illi fil-granet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, l-istess minuri tkun festa mal-omm u festa mal-missier b'mod alternattiv, u l-istess fl-okkazzjonijiet ta' l-Ghid, darba tkun ma' l-omm u darba mal-missier. Fid-data ta' jum l-omm l-minuri tkun ma' l-omm u fid-data ta' jum il-missier il-minuri tkun mal-missier.

Illi din il-Qorti tirrakkomanda wkoll li l-Agenzija Appogg ghanda tkompli taghmel *monitoring* tas-sitwazzjoni, b'dan li ghandha tara li l-ebda pressjoni ma ghandha tingieb fuq it-tifla mill-ebda wahda mill-genituri taghha, u wkoll ghandha tara li l-ordnijiet hawn moghtija jigu osservati skrupolozament fl-interess ta' l-istess minuri.

**(c) MANTENIMENT.**

Illi l-attrici qed titlob ghall-manteniment taghha u ta' bintha Kaya Estelle. Illi jidher illi x-xoghol tal-konvenut kien originarjament dak ta' *sprayer* u f'xi zmien, partikolarment meta r-relazzjonijiet tieghu mal-genituri ta' l-attrici tjiebu fetah negozju fejn beda jimporta oggetti ta' *sprays* u oggetti ohra relatati mal-vetturi.

Illi llum il-konvenut jghid li x-xoghol tieghu huwa biss dak li jahsel il-karozzi, pero' mill-banda l-ohra jispjega li lest li jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' bintu *in parte*.

Illi skond id-digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 30 ta' Ottubru 1998, il-konvenut gie ordnat ihallas ghall-manteniment tal-minuri fis-somma ta' Lm20 fil-gimgha. Il-konvenut gie ordnat ukoll ihallas lill-attrici s-somma ta' Lm20 fil-gimgha.

Illi l-konvenut isostni wkoll illi l-attrici tahdem bla ktieb mal-German Maltese Circle. L-attrici minn naha taghha tghid illi hi tahdem mal-German Cirle u taghmel xoghol volontarju. Min-naha l-ohra jirrizulta wkoll illi l-konvenut ilu zmien twil ma jhallas manteniment lil martu skond id-digriet u dan sa minn Frar 2001.

Din il-Qorti tosserva illi x-xoghol tal-konvenut huwa ta' wiehed *self-employed* u ghaldaqstant huwa fid-diskrezzjoni tieghu kemm ghandu jahdem jew ma jahdimx. B'danakollu l-konvenut m'ghandux jabbuza mill-impjieg tieghu f'tali mod u manjiera li jiddikjara ntrojtu tant baxx li ma jasalx jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' martu u ta' bintu.

Illi jidher car, mid-dokumenti li esebixxa l-konvenut, li l-attrici qed tircievi ghajnuna socjali fl-ammont ta' Lm31.97 u dan meta hi mhix qed tahdem jew almenu hekk jidher anke meta wiehed iqis il-pagamenti li qed jaghmlu l-genituri taghha u meta l-konvenut qed jonqos li jikkontribwixxi ghall-manteniment taghha, fatt ikkonfermat mill-istess dokument li esebit mill-konvenut ma' l-affidavit tieghu.

Illi jekk l-attrici, anki ghal grazzja ta' l-argument, qieghda tahdem bla ktieb, jidher illi l-introjtu mhux sostanzjali u dan tenut kont tal-ispejjez li qed ihallsu l-genituri taghha ghaliha u ghall-minuri. Illi l-konvenut lanqas jista' jippretendi li l-attrici tghix bir-*relief,* ghaliex bhala fatt hu jahdem ghalkemm jiddikjara li ma jaqlax xi eluf. Pero' dan huwa bizzejjed sabiex il-konvenut jibqa' obbligat ihallas il-manteniment ta' martu u tal-minuri Kaya Estelle.

Illi ghalhekk, din il-Qorti qed tiffissa manteniment ghall-attrici ta' Lm20 fil-gimgha, filwaqt li l-manteniment ghall-minuri ghandu jkun dak ta' Lm20 fil-gimgha. Fuq kollox din il-Qorti tordna li l-konvenut ihallas l-arretrati kollha ta' manteniment li b'effett minn Frar 2001 ilahhqu ghas-somma ta' Lm7,080 sad-data din is-sentenza (Lm2,080 fis-sena; u Lm800 minn Frar 2004 sad-data ta' din is-sentenza). Illi l-istess ammont ta' manteniment ghandu

jithallas fir-residenza ta' l-attrici kull erba' gimghat bil-quddiem.

**(d) LIKWIDAZZJONI TAL-KOMUNJONI TA' L-AKKWISTI.**

Illi fil-verbal tas-seduta tat-3 ta' Frar 2000 Dr. Peter Fenech u Dr. Galea Debono qablu li hemm qbil fuq kollox minn barra l-kura u kustodja tal-minuri, kif ukoll fuq il-manteniment.

Illi b'danakollu l-attrici ssemmi xi oggetti li ghadhom ghand il-konvenut fosthom diversi oggetti tad-deheb appartenenti lill-minuri Kaya Estelle li jinsabu f'Dok "AG" esebita fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2000. Fil-verbal tas-seduta tas-6 ta' Novembru 2003 Dr. Veronica Galea Debono ghall-attrici ddikjarat li l-oggetti tad-deheb gew ikkonsenjati lill-attrici u ghalhekk din il-problema hija llum rizolta.

Illi min-naha tieghu l-konvenut filwaqt li jaqbel illi l-attrici halliet id-dehbijiet tat-tifla Kaya Estelle warajha, jghid illi l-attrici kienet hadet il-flus li kien hemm depozitati fil-bank fl-ammont ta' Lm19,000. Il-konvenut jghid li dawn il-flus sparixxew izda ma gab l-ebda provi f'dan ir-rigward li l-istess flus hadithom l-attrici. Ma gabx xi dokumenti bankarji li jindikaw li dawn il-flus ingibdu minnha u ghalhekk din l-allegazzjoni tieghu ma' gietx ippruvata u qed tigi rigettata.

Illi l-attrici mbaghad issemmi li bhala proprjeta' parafernali hi kienet xtrat *washing machine, tumble drier, heater, cooker, television* u *gyzer* bil-flus li kellha l-bank, *circa* Lm4,000 – Lm5,000. Mill-banda l-ohra, il-konvenut jghid li l-attrici ma kienet xtrat xejn.

Illi hawn din il-Qorti tirrimarka li l-attrici gabet provi dokumentali fis-sens li kienet hadet il-flus mill-bank f'dawn l-ammonti.

Illi l-konvenut ukoll isemmi xi oggetti li xtara lill-attrici sabiex tirranga l-vettura taghha, liema vettura mbaghad inbieghet. Hu jsostni li kien zied il-prezz tal-vettura b'xi Lm250. Ghal darb'ohra, l-konvenut jghid li ma setax

jesebixxi xi rcevuti f'dan ir-rigward peress li jallega li kienet hadithom l-attrici. Illi ghalhekk fin-nuqqas ta' provi, likwidazzjoni ta' dawn l-ammonti ma tistax issehh.

Illi apparti minn dawn l-oggetti, sakemm ma kienx hemm xi ftehim iehor bejn il-partijiet, ma jidhirx li hemm xi haga ohra li tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti b'dan li kull parti ghandha zzomm l-oggetti mobbli li fil-fatt illum jinsabu fil-pussess ta' kull parti rispettivament.

Illi ghaldaqstant, in kwantu jirrigwarda r-raba' talba, ghandu jigi ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billli filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet attribwibbli esklussivament lill-konvenut u senjatament sevizzi, minacci, eccessi u ngurji gravi versu l-attrici, b'dan li kawza ta' dan l-agir illegali tal-konvenut iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

2. Tilqa' biss *in parte* din it-tieni talba attrici b'dan li qed tikkonferma d-digriet tas-Sekond' Awla tat-30 ta' Ottubru 1998 u dak ta' din il-Qorti datat 24 ta' Lulju 2000 u tordna li l-kustodja tal-minuri Kaya Estelle Grixti ghandha tkun wahda konguntiva bejn iz-zewg partijiet, filwaqt li l-kura tigi fdata f'idejn l-omm kif indikat fl-istess digrieti u l-access ghal missier ghandu jkun mill-Gimgha mis-6:00 p.m. sal-Hadd ta' wara fil-11:00 a.m., b'dan li l-istess minuri tittiehed u tingieb lura mir-residenza ta' l-attrici u fl-istess waqt ghalhekk l-attrici tinghata l-kura esklussiva tal-minuri Kaya Estelle. Illi fil-granet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, l-istess minuri tkun festa mal-omm u festa mal-missier b'mod alternattiv, bil-Milied li gej l-istess minuri tkun ma' l-omm u l-istess fl-okkazzjonijiet ta' l-Ghid, darba tkun ma' l-omm u darba mal-missier. Fid-data ta' jum l-

omm l-minuri tkun ma’ l-omm u fid-data ta’ jum il-missier il-minuri tkun mal-missier.

Illi din il-Qorti tirrakkomanda wkoll li l-Agenzija Appogg ghandha tkompli taghmel *monitoring* tas-sitwazzjoni, b’dan li ghandha tara li l-ebda pressjoni ma tingieb fuq it-tifla mill-ebda wahda mill-genituri taghha, u wkoll li tara li l-ordnijiet hawn moghtija jigu osservati skrupolozament fl-interess ta’ l-istess minuri.

3. Tilqa’ din it-talba din il-Qorti b’dan li tikkundanna lill-konvenut sabiex b’effett mid-data ta’ din is-sentenza ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma ta’ ghoxrin lira Maltija fil-gimgha, filwaqt li l-manteniment ghall-minuri ghandu jkun ukoll dak ta’ Lm20 fil-gimgha, b’dan li l-manteniment intier li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici ghaliha u ghall-istess minuri huwa dak ta’ erbghin lira Maltija (Lm40) fil-gimgha, pagabbli lill-attrici fir-residenza taghha mill-konvenut kull erba’ gimghat bil-quddiem.

Illi dwar arretrati ta’ manteniment *pendenti lite* peress li jirrizulta li l-konvenut naqas li jhallas tali manteniment *pendente lite* ghall-attrici u bintha minn Frar 2001, din il-Qorti tordna wkoll tikkundanna u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghan-nom ta’ l-istess minuri l-arretrati kollha ta’ manteniment li huwa naqas li jhallas fil-mori tal-kawza, minkejja l-ordnijiet tal-Qorti, liema ammont ta’ arretrati ta’ manteniment qed jigi likwidat fl-ammont ta’ sebat’elef, u tmenin lira Maltija (Lm7,080) ikkalkulat proprju mid-data ta’ Frar 2001 sad-data ta’ din is-sentenza.

4. Tippronunzja x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b’effett mid-29 ta’ Jannar 1998 u *stante* li jirrizulta li l-partijiet gja huma fil-pussess ta’ l-oggetti mobbli taghhom. Tiddikjara li ma hemm illum x’jigi likwidat u diviz, b’dan li kull parti ghandha zzomm dawk il-mobbli li huma fil-pussess taghha.

Illi dwar beni parafernali qed jigu assenjati lill-attrici il-*washing machine, tumble drier, heater, cooker, television* u *gyser.*

5. Tilqa’ din it-talba u tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** *in toto.*

Bl-ispejjez, komprizi dawk kollha ta’ quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut, b’dan li din il-Qorti tordna lill-attrici sabiex tinnotifika a spejjez taghha kopja legali ta’ din is-sentenza lill-Agenzija Appogg.

Illi dwar il-**kontro-talba tal-konvenut,** din il-Qorti filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attrici ghall-istess kontro-talba biss in kwantu l-istess huma kompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tichad ir-raba’ talba tal-konvenut fil-kontro-talba, u tilqa’ talbiet l-ohra biss fis-sens hawn deciz,** b’dan illi:-

1. Tichad din it-talba biss fis-sens li l-kawza ta’ separazzjoni ta’ bejn il-partijiet kien biss l-agir abbusiv *da parte* tal-konvenut, fil-waqt li din il-Qorti tikkonferma l-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba tortijiet attribwibbli esklussivament lill-konvenut u senjatament sevizzi, minacci, eccessi u ngurji gravi versu l-attrici, b’dan li kawza ta’ dan l-agir illegali tal-konvenut iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

2. Tilqa’ biss it-tieni talba tal-kontro-talba fis-sens kif gie deciz konsegwenti ghat-tieni talba tac-citazzjoni attrici b’dan li din il-Qorti qed tikkonferma d-digriet tas-Sekond’ Awla tat-30 ta’ Ottubru 1998 u dak ta’ din il-Qorti datat 24 ta’ Lulju 2000 u tordna li l-kustodja tal-minuri Kaya Estelle Grixti ghandha tkun wahda konguntiva bejn iz-zewg partijiet, filwaqt li l-kura tigi fdata f’idejn l-omm kif indikat fl-istess digrieti. L-access ghal missier ghandu jkun mill-Gimgha mis-6:00 p.m. sal-Hadd ta’ wara fil-11:00 a.m. b’dan li l-istess minuri tittiehed u tingieb lura mir-residenza ta’ l-attrici u fl-istess waqt ghalhekk l-attrici tinghata l-kura esklussiva tal-minuri Kaya Estelle. Illi fil-granet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, l-istess minuri tkun festa ma’ l-omm u festa mal-missier b’mod alternattiv, bil-Milied li gej l-istess

minuri tkun ma' l-omm u l-istess fl-okkazzjonijiet ta' l-Ghid, darba tkun ma' l-omm u darba mal-missier. Fid-data ta' jum l-omm il-minuri tkun ma' l-omm u fid-data ta' jum il-missier il-minuri tkun mal-missier.

Illi din il-Qorti tirrakkomanda wkoll li l-Agenzija Appogg ghandha tkompli taghmel *monitoring* tas-sitwazzjoni, b'dan li ghandha tara li l-ebda pressjoni ma ghandha tingieb fuq it-tifla mill-ebda wahda mill-genituri taghha, u wkoll ghandha tara li l-ordnijiet hawn moghtija jigu osservati skrupolozament fl-interess ta' l-istess minuri.

3. Tippronunzja x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b'effett mid-29 ta' Jannar 1998 u *stante* li jirrizulta li l-partijiet gja' huma fil-pussess ta' l-oggetti mobbli taghhom, tiddikjara li ma hemm illum xejn x'jigi likwidat u diviz, b'dan li kull parti ghandha zzomm dawk il-mobbli li huma fil-pussess taghha.

4. Tichad din it-talba b'dan li d-dispozizzjonijiet ta' l-istess **artikolu 48 tal-Kap 16** qed jigu applikati biss fl-intier taghhom kontra l-istess konvenut, kif gja' nghad fic-citazzjoni attrici.

Bl-ispejjez tal-kontro-talba, komprizi dawk inkorsi quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenut.

Illi *inoltre* minhabba li l-partijiet abbuzaw mill-proceduri quddiem din il-Qorti u dan huwa rifless min-numru sostanzjali ta' rikorsi pprezentati *pendente lite* minn kull parti, u mill-mod kif il-partijiet ressqu l-provi taghhom fejn damu biex jghalqu l-provi taghhom u wkoll hela ta' seduti ghal xhieda prolungata u seduti fejn ma sar xejn, u wkoll minhabba l-fatt li l-konvenut jinjora d-digrieti *pendente lite* ta' l-istess Qorti u wkoll peress li kawza ta' l-istess din il-Qorti thoss li z-zewg partijiet tawwlu l-proceduri bla bzonn anke minhabba l-pika esegerata taghhom specjalment ghall-mod kif l-istess partijiet dahhlu lill-minuri u wzaw l-istess minuri f'dawn il-proceduri, din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 tal-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna lilll-attrici thallas is-somma

ta’ mitejn lira Maltija  (Lm200) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u min-naha l-ohra lill-konvenut ihallas is-somma ta’ sitt mitt lira Maltija (Lm600) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijiet ghandhom isiru fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------